

# *It-Traġedja tal-Iljunfant li ried jidħol f'gaġġa tal-għasafar*

*Adrian Grima*

*Sa A Schembri*
*Skola St Joseph, Tas-Sliema*

Smajt ġrajja mhux tas-soltu,

tingħad mix-xjuħ kultant,

li f'gaġġa tal-għasafar,

ried jidħol iljunfant.

Allura dan qatagħha

li jfettaħ naqra l-bieb.

U ħareġ mus għall-gaġġa,

u bih fetaħha ktieb.





Kuntent dan ħejja ruħu
biex fiha jmidd riġlejh,
‘żda f’daqqa waħda ’nduna
bi ħsieb li daħal ħdejh.

Dil-gaġġa kienet gaġġa,
imm’ issa żgur m’għadhiex,
għax gaġġa tkun tingħalaq,
u din ma tagħlaqhiex.

“X’gost fiha tidħol f’gaġġa,”

qagħad jhewden l-iljunfant,

“jekk din m’għadhiex li kienet,

jekk tkun fettaħtha tant?”

Bix-xewqa baqa’ mwebbel,

iljieli ma jorqodx,

u ħassu qisu f’gaġġa

li minnha ma toħroġx.

